**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mid-Dioikitiko Protodikeio Serron (Il-Greċja) fil-5 ta' Marzu 2012 — Ioannis Christodoulou, Nikolaos Christodoulou, Afoi N. Christodoulou A.E. vs Elliniko Dimosio**

**(Kawża C-116/12)**

(2012/C 138/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Qorti tar-rinviju**

Dioikitiko Protodikeio Serron

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ioannis Christodoulou, Nikolaos Christodoulou, Afoi N. Christodoulou A.E.

*Konvenuta:* Elliniko Dimosio

**Domandi preliminari**

(1) Il-valur doganali tal-merkanzija importata għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-Artikoli 29 u 32 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/1992, anki fil-każ fejn il-kuntratt ikun jikkonċerna l-ipproċessar jew it-trasformazzjoni ta' materjali (materjali li ġew importati fil-pajjiż tal-ipproċessar mingħajr ma ġew issuġġettati għall-proċedura doganali tal-ipproċessar passiv bil-ħsieb li jiġu esportati mill-ġdid) li ma jilħaqx il-livell previst mill-Artikolu 24 ta' dan l-istess regolament jew li, fin-nuqqas, huwa insuffiċjenti sabiex il-merkanzija li ġiet prodotta tingħata l-oriġni tal-pajjiż fejn twettqu dan l-ipproċessar jew din it-trasformazzjoni?

(2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, ir-risposta kienet tkun differenti f'każ li l-importazzjoni, abbażi ta' rċevuti iżda wkoll ta' dokumenti oħra kkunsidrati bħala foloz, tkun tidher li twettqet fil-kuntest ta' kuntratt ta' bejgħ, meta jiġi pprovat li l-kuntratt kien jipprevedi pproċessar mhux sostanzjali tal-materjali li joriġinaw mill-pajjiżi tal-importazzjoni, b'remunerazzjoni preċiża, li tista' tiġi ddeterminata, u li l-valur doganali ddikjarat ma jikkorrispondix għall-prezz li għandu jitħallas jew li effettivament tħallas?

(3) F'każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda, ir-risposta kienet tkun differenti f'każ li jiġi stabbilit ukoll li ġiet implementata prattika li tikkonsisti f'użu abbużiv mid-dispożizzjonijiet Komunitarji bl-għan li l-persuna kkonċernata tikseb vantaġġ?

(4) F'każ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 29 u 32 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/1992 jistgħu jiġu applikati mhux biss f'każ bħal dak deskritt fit-tieni domanda, iżda anki meta jiġu sodisfatti ċ-ċirkustanzi oġġettivi kif ukoll l-element suġġettiv tat-tielet domanda, x'għandu jkun il-valur ta' element (f'dan il-każ iz-zokkor) li jkun ġie inkorporat fil-prodott importat u li jkun ġie pprovdut bla ħlas mill-importatur, meta l-imsemmi element, li ma setgħax jiġi ssuġġettat għall-proċedura tal-ipproċessar bil-għan li jiġi esportat mill-ġdid, skont l-Artikolu 146(1) tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, ma jkunx ġie prodott minnu, iżda akkwistat minnu bil-prezz ta' esportazzjoni (inqas mill-prezz applikabbli fis-suq intern, minħabba l-fatt li l-prodott kien ssuġġettat għal skema ta' rifużjoni)?

---

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2012 minn Stichting Woonpunt et kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża T-203/10, Stichting Woonpunt et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-132/12 P)**

(2012/C 138/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Stichting Woonpunt, Stichting Havensteder, li kienet Stichting Com.wonen, Woningstichting Haag Wonen, Stichting Woonbedrijf SWS.Hhvl (rappreżentanti: P. Glazener u E. Henny, avukati, u L. Hancher, hoogleraar)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla fl-intier tiegħu jew parzjalment id-digriet [tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2011 fil-Kawża T-203/10] skont l-aggravji mressqa f'dan l-appell.

— tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi mill-ġdid skont l-evalwazzjoni ġuridika tal-Qorti tal-Ġustizzja.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kif ukoll għal dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

(1) Skont l-ewwel aggravju, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt tal-Unjoni, evalwat b'mod żbaljat il-fatti rilevanti u ma mmotivatx biżżejjed id-digriet, meta kkunsidrat lill-appellanti bħala l-uniċi benefiċjarji potenzjali tal-iskema ta' għajnuna adottata mill-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni li, qabel id-Deċiżjoni ([1]), l-appellanti kienu jibbenefikaw minn miżuri ta' għajnuna eżistenti li kellhom jiġu emendati minħabba fiha.. Konsegwentement, l-appellanti mhux biss huma benefiċjarji potenzjali tal-miżuri ta' għajnuna emendati, iżda huma wkoll benefiċjarji effettivi tal-miżuri ta' għajnuna eżistenti. Bħala benefiċjarji effettivi, huma jirriżultaw ukoll affettwati individwalment mid-deċiżjoni inkwistjoni.